MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Rikors Numru. 53/2011

**Conrad Axisa**

**vs**

**Avukat Generali;**
**Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezenta r-rikorrent fit-23 ta’ Awissu 2011, li jaqra hekk:

Illi l-esponenti tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta’ Awissu akkuzat b’reati kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u reati kontra l-persuna;

Illi dakinhar tal-prezentata tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) huwa ma nghatax il-helsien mill-arrest principalment ghar-raguni illi x-xhud principali ma ngabx mill-Pulizija sabiex jixhed, u ghaldaqstant, f'dak l-istadju baqa' ma xehedx;

Illi l-kawza giet assenjata skond il-Ligi u s-smiegh gie appuntat ghal nhar it-22 ta' Awissu 2011 fl-10.30am;

Illi fl-udjenza tat-22 ta' Awissu, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ddecidiet illi x-xhud principali ma huwiex xhud kompetenti f'dan l-istadju u ma setax jixhed qabel jinqatghu l-proceduri li skond l-ispettur Borg kienu ser jigu istitwiti fil-konfront tieghu, izda li kienu ghadhom ma nbdewx, u ghaldaqstant, f'din l-udjenza xehed biss l-ispettur Jesmond Borg. Sussegwentement, it-talba ghall-helsien mill-arrest tal-esponenti giet ghal darba ohra michuda, minhabba inter alia, '*biza' ta' ntralc ta' provi*', u l-atti tal-kawza gew differiti ghas-7 ta' Settembru 2011;

Illi *ai termini* tal-provviso tal-Artikolu 401 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghall-Qorti Istruttorja: "*izda ukoll kemm-il darba ma jkunx inghata l-helsien mill-arrest, l-akkuzat ghandu jingieb quddiem il-qorti ghall-anqas darba kull hmistax-il gurnata sabiex il-qorti tiddeciedi jekk ghandux jibqa' arrestat*".

Illi essenzjalment dan ifisser illi filwaqt li quddiem il-Qorti Struttorja, fi stadju ta' kumpilazzjoni, akkuzat igawdi mill-beneficcju ta' garanzija illi ghall-inqas jingieb quddiem il-Qorti kull hmistax-il gurnata, din il-garanzija stranament m'hijiex estiza u m'hijiex applikabbli ghall-akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, in fatti, l-ewwel differiment kien ghal sbatax-il gurnata wara l-ewwel dehra, u l-Qorti tal-Magistrati kellha l-fakulta' illi addirittura tiddiferixxi aktar fit-tul.

Illi essenzjalment, dan ifisser illi skond il-Ligi kif inhi llum, meta l-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz tkun wahda ta' Gudikatura Kriminali u mhux Qorti Struttorja, din l-istess Qorti, m'hijiex marbuta bit-terminu ta' hmistax-il gurnata

applikabbli ghall-Qorti Struttorja u tista' fit-termini tal-ligi tiffissa seduti ghas-smiegh anke fit-tul u dan anke meta l-akkuzat ikun taht arrest preventiv;

Illi din hija sitwazzjoni anomala u tiddiskrimina bejn akkuzat quddiem Qorti Struttorja u akkuzat quddiem Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Illi inoltre jigi rilevat li b'mod generali, il-proceduri li fihom l-Avukat Generali jaghti l-kunsens tieghu jew ordni ghall-proceduri sommarji u allura l-Qorti li tisma' l-kaz tkun dik ta' Gudikatura Kriminali, ikunu anqas serji u gravi, minn dawk il-proceduri fejn l-Avukat Generali ma jaghtih dan il-kunsens jew ordni skond il-kaz;

Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-garanzija ta' seduta ta' smiegh ghall-inqas kull hmistax-il gurnata ghandha tkun estiza ukoll ghall-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u illi fin-nuqqas, dan jikser id-drittijiet kostituzzjonali tieghu ai termini tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi inoltre, attwalment, tezisti sitwazzjoni fil-Kodici Kriminali fejn l-Avukat Generali, permezz ta' l-emendi introdotti ricentement, ghandu l-fakulta' li jitlob revizjoni fil-kazijiet kollha fejn jigi akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, kif ukoll il-fakulta' li jitlob revizjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, galadarba persuna li titressaq b'arrest tigi akkordata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi pero', ghall-kuntrarju, persuna li titressaq b'arrest, u tigi michuda it-talba taghha li tinghata l-helsien mill-arrest, u dan bhal fil-kaz odjern, ma ghandha l-ebda dritt jew fakulta' li titlob revizjoni minn Qorti ohra diversament presjeduta, tad-decizjoni ta' cahda mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

Illi tenut kont tas-suespost, u f'materja daqshekk sensittiva, bhal ma huwa d-dritt tal-helsien mill-arrest, dan in-nuqqas tal-Ligi, illi takkorda u tippermetti d-dritt u l-fakulta' lil persuna detenuta taht arrest preventiv, li titlob

revizjoni ta' decizjoni ta' cahda mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jew ta' revizjoni tal-kundizzjoni f'kaz ta' akkoljiment tat-talba minn Qorti ohra diversament presjeduta jammonta ghal ksur ta' dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, u dan anke minhabba sitwazzjoni cara ta' *inequality of arms*.

Illi ghaldaqstant, in-nuqqas ta' mekkanizmu li jippermetti li persuna akkuzata dritt u fakulta' ta' revizjoni tad-decizjonijiet dwar il-helsien mill-arrest, bhal ma hu del resto akkordat lill-Avukat Generali, jammontaw ghall-ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, dan l-istat ta' fatt huwa leziv ghall-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ukoll tal-Artikolu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-ewwel differiment inghata ghal sbatax-il gurnata mill-ewwel udjenza, li jmur oltre mill-garanzija tas-smiegh kull hmistax-il gurnata applikabbli ghall-Qorti Struttorja, illi inoltre sad-differiment li jmiss, wara aktar minn xahar arrestat, ix-xhud principali ser ikun ghadu ma ddeponiex, u ser ikun instema' biss xhud wiehed, u illi inoltre, il-Ligi ma takkordax lill-akkuzat, dak id-dritt akkordat lill-Avukat Generali u cioe' l-fakulta' li jitlob revizjoni ta' din id-decizjoni lill-Qorti Superjuri, il-Qorti Kriminali.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponent, umilment u bir-rispett, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi bil-fatti suesposti, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanciti fil-Kostituzzjoni, senjatament l-Artikoli 34 u 39, kif ukoll l-Artiklu 5 u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Tordna illi l-esponenti jinghata rimedju xieraq u effettiv ghal tali ksur.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati, li in forza taghha eccepew illi:

In linea preliminari, peress li permezz ta' din il-procedura qed jigu attakkati biss provvedimenti tal-ligi, u peress li l-esponenti Ministru tal-Gustizzja u l-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija m'humiex il-fergha legislattiva tal-Istat, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma jistghux ikunu legittimi kontradittu ri ghat-talbiet tar-rikorrent.

Fil-mertu, il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

_Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu l-garanzija ta' seduta ta' smiegh quddiem il-Qorti Istruttorja ghall-inqas darba kull hmistax-il gurnata a tenur tal-Artikolu 401(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex estiza ukoll ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali_

Fl-ewwel lok, f'dan il-kuntest, ir-rikors promotur jirreferi ghall-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ghall-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod vag hafna, u peress li dawn l-artikoli jinkorporaw minnhom infushom, lista vasta ta' drittijiet, mhux kompitu tal-esponenti jippruvaw jiddeducu huma liema sub-artikoli jew paragrafi tal-istess Artikoli jista' jkun li qed issir referenza ghalihom u ghalhekk, **in linea preliminari**, ir-rikorrent ghandu jispecifika b'mod car u inekwivoku liema partijiet ta' dawn l-Artikoli qieghed jallega li saret vjolazzjoni taghhom, u f'dan is-sens, l-esponenti, ghalhekk jirrizervaw minn issa, id-dritt li jirrispondu ulterjorment jekk ikun il-kaz.

(i) L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni

Bla pregudizzju ghas-suespost, ukoll **in linea preliminari**, l-inapplikabilita' tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni stante li dawn jiggarantixxu d-dritt fundamentali ta' protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja, mentri r-rikorrent odjern la qed

jilmenta minn arrest arbitrarju u lanqas minn detenzjoni arbitrarja, imma biss li skond il-ligi, it-termini ta' smiegh quddiem Qorti wahda m'humiex applikabbli ghall-Qorti ohra.

Effettivament, l-unika referenza ghal termini qeghda fl-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni li jiggarantixxi li kull min jigi arrestat jew detenut, u li ma jigix mehlus, ghandu jingieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbghin siegha wara (terminu li gie rigorozament osservat mill-Pulizija fil-kaz odjern u li fil-fatt m'hemm ebda kontestazzjoni dwaru) u ukoll li persuna arrestata jew detenuta ghandha tigi gudikata 'fi zmien ragjonevoli' (b'referenza ghall-process gudizzjarju kollu fl-assjem tieghu). B'mod analogu, l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jsemmi li "everyone arrested or detained...shall be brought promptly before a judge...and shall be entitled to trial within a reasonable time".

Ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrent kif redatta fir-rikors promotur ma tiffigura mkien f'dawn iz-zewg Artikoli.

Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni huma applikabbli ghall-kaz odjern, fi kwalunkwe kaz, ma hemm ebda lezjoni ta' dawn l-Artikoli stante li d-distinzjoni li hemm bejn il-Qorti Istruttorja u dik ta' Gudikatura Kriminali hija wahda gustifikabbli fil-parametri tal-ligi.

Fil-fatt, il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huma ta' natura sommarja kif jidher car mill-Artikoli 370 et seq tal-Kodici Kriminali li jirregolaw il-procedura quddiem il-Qorti msemmija. L-Artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali jghid li:

"Meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza, il-qorti, **dakinhar stess**, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat."

Dan ifisser li skond il-ligi, il-kazijiet li jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali,

ghandhom, sa fejn hu possibli, jigu trattati u decizi f'jum wiehed. U fil-fatt, f'hafna kazijiet hekk jigri.

Allura, in kwantu, l-iskop tal-ligi hu proprju li jagevola l-ispeditezza tal-kazijiet li jitressqu quddiem din il-Qorti, legalment ma jaghmilx sens li l-istess ligi mbaghad ittawwal iz-zmien hi billi tippreﬁggi terminu (sa almenu 15-il jum kif qed jippretendi r-rikorrent) biex isir smiegh dwar jekk persuna ghandhiex tibqa' arrestata jew le. Dan fid-dawl tal-fatt li kif diga' ntqal, il-maggor parti tal-proceduri quddiem din il-Qorti jkunu ilhom li nghalqu ferm qabel il-15-il jum minn meta jkunu bdew.

F'dan l-isfond pero', l-istess legislatur hass il-htiega li fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja jippreﬁggi terminu ta' almenu 15-il jum fl-Artikolu 401 (1) tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li l-istess natura tal-kazijiet li jingiebu quddiem din il-Qorti necessarjament tirrikjedi aktar tul ta' zmien sabiex l-istess kaz jigi trattat u deciz.

L-esponenti jenfasizzaw li fil-kaz odjern, m'huwiex l-operat tal-Qorti li jinsab taht skrutinju, imma biss il-ligi. U ghalhekk, jekk fir-realta', ghal diversi ragunijiet, id-dicitura tal-ligi dwar speditezza quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali m'hijiex qed tigi applikata rigorozament, zgur li ta' dan, il-ligi ma tistax tigi meqjusa bhala leziva ta' drittijiet fundamentali.

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ma jezisti ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

(ii) L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

**In linea preliminari**, l-inapplikabilita' ukoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante li l-lanjanza tar-rikorrent kif redatta fir-rikors promotur ma tiffigura mkien, lanqas f'dawn iz-zewg Artikoli.

Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk ir-rikorrent qed jallega li d-distinzjoni fil-ligi tammonta ghal-

lezjoni tal-garanzija ta' smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli kif inkorporati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, din l-allegazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kif gie spjegat aktar qabel, il-ligi proprju qeghda tipprovdi ghall-ispeditezza tas-smiegh tal-kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk, hija pjenament konformi mal-garanziji tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk ma jezisti lanqas ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

*Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu persuna arrestata li tigi michuda t-talba taghha li tinghata l-helsien mill-arrest m'ghandhiex il-fakulta' li titlob revizjoni bhal ma ghandu l-Avukat Generali*

(i) L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni

In kwantu, l-ilment tar-rikorrent fuq dan il-punt hu li din is-sitwazzjoni qed tirrekalu l-pregudizzju ghal smiegh xieraq minhabba allegat *inequality of arms* u in kwantu "d-dritt ta' smiegh xieraq a bazi ta' *equality of arms*" huwa specifikament protett permezz tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, isegwi ghalhekk li **in linea preliminari**, l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li kjarament il-lanjanza kif redatta mir-rikorrent ma tiffigura mkien taht l-Artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

(ii) L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

L-esponenti jirrilevaw fl-ewwel lok, li persuna arrestata tista' titlob il-helsien mill-arrest f'kull waqt tal-kawza, u l-helsien mill-arrest jista' jinghata mill-Qorti tal-Magistrati

jew mill-Qorti Kriminali, li taht is-setgha taghha, skond il-kaz, ikun, jew ghandu jkun detenut.

Bhalma l-Avukat Generali ghandu l-fakulta' li jitlob revizjoni fil-kazijiet fejn jigi akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u jista' ukoll jitlob revizjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, il-persuna arrestata ghandha ukoll il-fakulta' li fi kwalunkwe hin, u ghal kemm-il darba jidhrilha xieraq, tressaq rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex titlob revizjoni ta' decizjoni ta' rifjut tat-talba ghall-helsien mill-arrest jew sabiex jigu varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Inoltre, anke meta l-proceduri jkunu ghadhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fil-kaz ta' proceduri quddiem Qorti Stuttorja per ezempju, meta l-atti tal-Qorti jkunu rinvijati ghand l-Avukat Generali, f'dak l-istadju, il-kompetenza tal-Qorti tinbidel u ssir dik tal-Qorti Kriminali. Ghalhekk, f'dak l-istadju, kwalunkwe talba tal-persuna ghal revizjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tigi deciza mill-Qorti Kriminali. B'hekk hemm sitwazzjoni fil-ligi fejn tramite l-process tar-rinviji, kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-persuna koncernata ghandhom il-fakulta' li jitolbu revizjoni quddiem Qorti Superjuri.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht dawn iz-zewg Artikoli.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent, fil-5 ta' Awissu 2011, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat b'diversi reati marbutin mal-uzu tad-droga u reati kontra l-persuni. Ir-rikorrent, diversi drabi talab il-liberta' provvizorja, izda din giet michuda sakemm fl-ahhar inghatat lilu fis-7 ta' Settembru 2011. Ir-rikorrent, fil-qosor, qed jilmenta minn zewg

dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li, skont hu, jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, inkorporata fil-ligi ta' Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tal-1987 (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u d-drittijiet analogi protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ir-rikorrent qed jilmenta minn dawn iz-zewg cirkostanzi: (i) illi filwaqt li quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti Istruttorja, u filwaqt ta' stadju ta' kumpilazzjoni, fit-termini tal-artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, l-akkuzat li ma jkunx inghata l-helsien mill-arrest, irid jingieb quddiem il-Qorti ghall-anqas darba kull hmistax sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk ghandux jibqa' arrestat, dan l-istess "privilegg" mhux estiz ghall-persuna akkuzata b'reat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u (ii) illi filwaqt li meta persuna tinghata l-beneficcju ta' helsien mill-arrest, l-Avukat Generali jista' jitlob ir-revizjoni tal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati u anke li jappella minn dik id-decizjoni ghal quddiem il-Qorti Kriminali (artikolu 575A(2)(3) tal-Kodici Kriminali), l-akkuzat innifsu ma jistax jappella mic-cahda ghal-liberta' provizorja jew mill-kundizzjonijiet imposti mill-ewwel Qorti.

Qabel ma titratta dawn l-ilmenti, din il-Qorti trid tirrileva li mhux kull varjazzjoni fi procedura tista' twassal ghal xi ksur tal-istess Konvenzjoni. Bhala principju, kull stat firmatarju tal-Konvenzjoni ghandu dritt jirregola hu l-procedura li ghandha tigi uzata f'kull stadju ta' process kriminali, u din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza tindahal fir-regolamentazzjoni tal-procedura <u>sakemm</u> dawk il-ligijiet ma jwasslux li jinnewtralizzaw id-drittijiet tal-akkuzat kif protetti mill-Konvenzjoni u fil-limiti tal-istess.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma tarax li d-differenza fil-procedura tista' twassal li jigu lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta jridu li persuna arrestata mill-Pulizija trid tingieb quddiem Qorti fi zmien tmienja u erbghin siegha, u sa minn dak il-mument, il-Qorti jkollha

fakulta' li tiddeciedi fuq il-validita' tal-arrest u jekk ghandux jinghata l-liberta' provizorja u taht liema kundizzjonijiet. Hu fatt li r-rikorrenti gawda minn dawn id-drittijiet u eventwalment inghata l-helsien mill-arrest. Akkuzat jista', f'kull stadju tal-process, jitlob li jinghata l-liberta' provizorja jew li jinbidlu l-kundizzjonijiet li taghhom ikun inghata l-liberta'. Il-fatt li, fi stadju ta' kumpilazzjoni, akkuzat irid jingieb quddiem il-Qorti, tal-anqas, darba kull hmistax, ma jfissirx li, f'kaz ta' proceduri sommarji, akkuzat ma jistax ukoll jitlob li l-kwistjoni tal-liberta' provizorja tieghu tigi mistharrga kull hmistax-il gurnata. Il-fatt li dan l-ezami, fl-ewwel kaz, hu awtomatiku u, fit-tieni kaz, ad istanza tal-akkuzat stess, ma jwassalx li d-drittijiet rispettivi tal-partijiet mhux protetti bl-istess mod.

Din il-Qorti, del resto, tara raguni tajba ghal din id-differenza. F'kaz ta' proceduri quddiem qorti istruttorja, il-kaz ma jkunx qed jigi mismugh, izda biss jingabru l-provi biex eventwalment, l-Avukat Generali jara jipprocedix jew le kontra l-persuna involuta. F'dak l-istadju, ma jkunx hemm "trial", izda kumpilazzjoni tal-provi. F'dak l-istadju, il-persuna akkuzata tista' tressaq provi hi ukoll u ssaqsi domandi lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, pero', il-kaz ikun, ftit jew wisq, taht il-kontroll tal-prosekuzzjoni immexxija mill-Avukat Generali. L-akkuzat, f'dak l-istadju, jista' joqghod kwiet u ma jghid xejn u ma jkunx ippregudikat, ghax ikun jista' jikkontrolla dak li sar u dak li instema' waqt dan l-istadju, fl-istadju ulterjuri tat-"trial" vera u proprja. Hu importanti ghalhekk li, f'dan l-istadju, tkun il-ligi stess li tipprotegi l-interessi tieghu, b'mod li tpoggi fuq il-Qorti, l-oneru li tirrevedi l-istat tieghu, tal-anqas darba kull hmistax.

Min-naha l-ohra, meta l-qorti qed tagixxi bhala Qorti Kriminali, u cioe', fit-"trial" innifsu, l-akkuzat ikun formalment mixli bi ksur tal-ligi u jiehu parti attiva fil-procedura bl-assistenza ta' avukat, jew ta' fiducja tieghu jew mahtur mill-Qorti. F'dan l-istadju, mhux mehtieg li l-ligi tidhol b'mod awtomatiku biex tara ghandux jigi mehlus mill-arrest jew le, ghax id-difiza tieghu hi, issa, f'idejh. Il-ligi taghtih l-opportunitajiet biex jissalvagwarda l-interessi tieghu, pero', issa hu jrid jipprevalixxi ruhu minnhom, ghax

f’dan l-istadju hu ghandu kontroll dirett fuq il-procedura u fuq id-difiza. L-opportunita’, f’kull kaz, hi pero’, l-istess.

Inoltre, kif tajjeb osservaw l-intimati, il-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali hija wahda sommarja, b’direzzjoni mil-ligi li s-sentenza, possibilment, tinghata dakinhar stess li jinghalqu l-provi. Il-ligi ma tridx tistultifika dan il-process sommarju b’regoli li jistghu itawlu s-smiegh. Ovvjament, mhux il-kawzi kollha jigu determinati f’gurnata, u d-differiment bejn udjenza u ohra jistghu jkunu fit-tul minhabba l-“work load” li bih tkun mghobbija dik il-Qorti. Jekk il-process jitwal irragjonevolment, id-dewmien jista’ jikkawza ksur tad-dritt tal-akkuzat li jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, pero’, din hi kwistjoni ohra, mhux marbuta mal-fatt li l-akkuzat, f’kaz ta’ “trial”, ghandu jithalla hu fil-kontroll tal-kaz minghajr indhil mil-legislatur. Akkuzat, waqt smiegh ta’ kaz, jista’ meta jrid, u f’kull stadju tal-process kriminali, jitlob il-helsien mill-arrest, u l-fatt li dan l-ezami (jekk jibqax arrestat jew le) ma jsirx b’mod awtomatiku kull hmistax-il gurnata, ma jfissirx li gie mxekkel id-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest waqt pendenza tal-proceduri. Dak li jiggarantixxi l-artikolu 5 (3) u (4) tal-Konvenzjoni, u l-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni, ma gew qatt imcahhda lir-rikorrent.

Dan l-ewwel ilment tar-rikorrent qed jigi, ghalhekk, michud.

Ghar-rigward tat-tieni aggravju, is-sitwazzjoni hi differenti. Hu minnu li la l-konvenzjoni u lanqas il-Kostituzzjoni ma jipprovdu ghal xi dritt ta’ appell wara decizjoni ta’ qorti li taghti jew tichad il-liberta’ provizorja. Dak li jesigu dawn l-instrumenti hu li jkun hemm “Qorti” b’kompetenza li tiddeciedi jekk persuna ghandhiex tibqa’ arrestata jew le waqt pendenza ta’ procedura. Hemm, pero’, principju generali li jirregola l-procedura, u din hi li z-zewg partijiet ghandhom ikollhom l-istess opportunitajiet fit-tmexxija tal-kaz, principju maghruf bhala “equality of arms”. F’dan il-kaz, tul il-process kollu, kemm l-akkuzat kif ukoll il-prosekuzzjoni ghandhom id-dritt jitolbu lill-qorti li qed tisma’ l-kaz ir-revizjoni tal-kundizzjonijiet imposti mal-ordni

tal-helsien mill-arrest (artikolu 580 tal-Kodici Kriminali). L-Avukat Generali, pero', ghandu dritt ulterjuri li jressaq appell immedjat kontra l-helsien mill-arrest innifsu u/jew il-kundizzjonijiet imposti, bil-privilegg li l-materja tigi mistharrga bi speditezza u minn gudikant iehor. L-akkuzat ma ghandux dan il-privilegg; jista' jitlob li l-istess Qorti li cahditlu l-arrest jew li imponiet certi kundizzjonijiet biex tvarja d-decizjoni, pero', ma jistax iressaq il-materja quddiem qorti ohra ppresjeduta b'gudikant differenti. Dan id-dritt li jitlob "review" minn gudikant iehor m'ghandux ikun disponibbli lill-parti wahda tal-process, u ma giex muri raguni valida f'pajjiz demokratiku ghala tezisti dan in-nuqqas ta' trattament.

Din il-Qorti rat u hadet konjizzjoni tas-sentenza "Stephens v. Malta", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2009, pero', hi tal-opinjoni li hemm differenza netta bejn talba ghal review quddiem l-istess gudikant, u appell ghall-qorti superjuri. Dan mhux kaz li jittratta dwar min ghandu jaghmel stharrig dwar jekk arrest hux validu jew le, kif kien il-kaz ta' "Stephens", izda kaz marbut ma' liberta' provvizorja fejn, ftit jew wisq, jidhol apprezzament soggettiv tac-cirkostanzi relatati mill-gudikant. Fil-waqt li l-Avukat Generali, jekk ma jaqbilx mal-ghoti tal-helsien mill-arrest jew mal-kundizzjonijiet imposti, jista' jfittex stharrig minn persuna ohra, l-akkuzat ma ghandux din il-fakulta' u jrid jibqa' jfittex rimedju minn dak il-gudikant li jkun diga' qies ic-cirkostanzi materjali u wassal ghall-konkluzjoni sfavorevoli ghalih. Dan id-dritt ta' revizjoni jew appell quddiem gudikant iehor, irid jinghata liz-zewg partijiet, u daqs kemm ma jaghmilx sens li l-Avukat Generali jitlob revizjoni mill-istess qorti li tkun tat id-decizjoni tal-helsien mill-arrest (ara nota tal-osservazzjonijiet tal-intimata f'pagna 10), daqstant iehor ma jaghmilx sens li l-akkuzat jitlob bdil mill-istess qorti li tkun tat decizjoni li tichadlu l-helsien mill-arrest.

Ir-rimedju ghandu jithalla f'idejn il-Gvern. Dan ghandu iressaq ghall-approvazzjoni tal-Parlament, ligi biex, b'mod jew iehor, tinholoq parita' ta' trattament, billi jew jitnehha d-dritt ta' appell koncess lill-Avukat Generali bl-artikolu 575A(2)(3) tal-Kodici Kriminali, jew l-istess dritt jinghata

ukoll lill-akkuzat. Din il-bidla trid issir fi zmien 3 xhur mil-lum.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mil-lanjanzi tar-rikorrenti billi tichad l-ewwel ilment bazat fuq il-fatt li l-artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali mhux estiz ukoll ghall-akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda tilqa' t-tieni ilment bazat fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 575A(2)(3) ghall-Avukat Generali biss, billi tiddikjara li dan it-trattament differenti jikser id-dritt tar-rikorrent ta' "equality of arms", u tidderigi lill-awtoritajiet kompetenti jirrimedjaw ghal dan in-nuqqas fi zmien 3 xhur mil-lum; f'kaz li sa 3 xhur mil-lum, jibqa' ma jsir xejn, din il-Qorti tordna li, b'effett ta' din is-sentenza, l-artikolu 575A (2) u (3), ghandu jitqies li jaghti l-istess dritt *mutatis mutandis* lill-akkuzat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha, skont il-ligi, tintbaghat lill-iskrivan tal-Kamra tar-Rapprezentanti biex titpogga fuq il-mejda tal-istess kamra.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------